REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2025/320

tal-11 ta' Frar 2025

li jemenda l-Annessi V u XIV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/404 fir-rigward tal-entrati għall-Kanada, għar-Renju Unit u għall-Istati Uniti fil-listi tal-pajjiżi terzi, tat-territorji jew taż-żoni tagħhom awtorizzati għad-dħul fl-Unjoni ta' konsenji tal-pollam u tal-prodotti ġerminali tal-pollam, u tal-laħam frisk tal-pollam u tal-għasafar tal-kaċċa

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2016/429 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Marzu 2016 dwar il-mard trażmissibbli tal-annimali u li jemenda u jħassar ċerti atti fil-qasam tas-saħħa tal-annimali ("Liġi dwar is-Saħħa tal-Annimali") ([1]), u b'mod partikolari l-Artikoli 230(1) u 232(1) u (3) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament (UE) 2016/429 jipprevedi li biex jidħlu fl-Unjoni, il-konsenji tal-annimali, tal-prodotti ġerminali u tal-prodotti li joriġinaw mill-annimali jridu jkunu ġejjin minn pajjiż terz jew territorju, jew minn żona jew kompartiment tiegħu, elenkati f'konformità mal-Artikolu 230(1) ta' dak ir-Regolament.

(2) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/692 ([2]) jistabbilixxi r-rekwiżiti tas-saħħa tal-annimali li l-konsenji ta' ċerti speċijiet u kategoriji tal-annimali, prodotti ġerminali u prodotti li joriġinaw mill-annimali, li jkunu ġejjin minn pajjiżi terzi jew territorji, jew minn żoni tagħhom, jew minn kompartimenti tagħhom fil-każ tal-annimali tal-akkwakultura, iridu jkunu konformi magħhom sabiex jidħlu fl-Unjoni.

(3) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/404 ([3]) jistabbilixxi l-listi tal-pajjiżi terzi, tat-territorji, jew taż-żoni tagħhom, li minnhom hu permess id-dħul fl-Unjoni tal-konsenji tal-ispeċijiet u l-kategoriji tal-annimali, tal-prodotti ġerminali u tal-prodotti li joriġinaw mill-annimali li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament Delegat (UE) 2020/692. Dawk il-listi u ċerti regoli ġenerali li jikkonċernaw dawk il-listi huma stabbiliti fl-Annessi I sa XXII ta' dak ir-Regolament ta' Implimentazzjoni.

(4) B'mod aktar partikolari, l-Annessi V u XIV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/404 jistabbilixxu l-listi tal-pajjiżi terzi, jew tat-territorji, jew taż-żoni tagħhom li minnhom hu awtorizzat id-dħul fl-Unjoni, rispettivament, ta' konsenji tal-pollam u tal-prodotti ġerminali tal-pollam, u tal-laħam frisk tal-pollam u tal-għasafar tal-kaċċa.

(5) Il-Kanada nnotifikat lill-Kummissjoni dwar tifqigħa tal-influwenza avjarja b'patoġeniċità għolja (HPAI) fil-pollam fil-provinċja ta' Quebec, li ġiet ikkonfermata fit-30 ta'Jannar 2025 permezz ta' analiżi tal-laboratorju (RT-PCR).

(6) Ir-Renju Unit innotifika lill-Kummissjoni dwar żewġ tifqigħat tal-HPAI fil-pollam fil-kontej ta' Norfolk u Yorkshire, l-Ingilterra, li ġew ikkonfermati fil-31 ta' Jannar 2025 u fil-5 ta' Frar 2025, rispettivament, permezz ta' analiżi tal-laboratorju (RT-PCR).

([1]) ĠU L 84, 31.3.2016, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2016/429/oj.

([2]) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/692 tat-30 ta' Jannar 2020 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2016/429 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tar-regoli għad-dħul fl-Unjoni, u l-moviment u l-immaniġġjar wara d-dħul ta' konsenji ta' ċerti annimali, prodotti ġerminali u prodotti li joriġinaw mill-annimali (ĠU L 174, 3.6.2020, p. 379, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_del/2020/692/oj).

([3]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/404 tal-24 ta' Marzu 2021 li jistabbilixxi l-listi ta' pajjiżi terzi, territorji jew żoni tagħhom li minnhom huwa permess id-dħul fl-Unjoni ta' annimali, prodotti ġerminali u prodotti li joriġinaw mill-annimali skont ir-Regolament (UE) 2016/429 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 114, 31.3.2021, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2021/404/oj).

(7) L-Istati Uniti nnotifikaw lill-Kummissjoni dwar 20 tifqigħa tal-HPAI fil-pollam fl-Istati ta'Arizona (1), California (1), Delaware (1) Indiana (2), Ohio (14) u Pennsylvania (1), li ġew ikkonfermati bejn it-23 ta' Jannar 2025 u d-29 ta' Jannar 2025 permezz ta' analiżi tal-laboratorju (RT-PCR).

(8) Wara dawk it-tifqigħat reċenti tal-HPAI, l-awtoritajiet veterinarji tal-Kanada, tar-Renju Unit u tal-Istati Uniti stabbilew żoni ristretti ta' mill-anqas 10 km madwar l-istabbilimenti affettwati u implimentaw politika ta' qerda biex jikkontrollaw il-preżenza tal-HPAI u jillimitaw it-tixrid ta' dik il-marda.

(9) Il-Kanada, ir-Renju Unit u l-Istati Uniti ppreżentaw informazzjoni lill-Kummissjoni dwar is-sitwazzjoni epidemjoloġika fit-territorji tagħhom u l-miżuri meħuda biex jiġi evitat aktar tixrid tal-HPAI wara dawn it-tifqigħat reċenti tal-HPAI.

(10) Dik l-informazzjoni ġiet evalwata mill-Kummissjoni. Il-Kummissjoni jidhrilha li fid-dawl tas-sitwazzjoni tas-saħħa tal-annimali fiż-żoni bir-restrizzjonijiet stabbiliti mill-awtoritajiet veterinarji tal-Kanada, tar-Renju Unit u tal-Istati Uniti, id-dħul fl-Unjoni ta' konsenji tal-pollam u tal-prodotti ġerminali tal-pollam, kif ukoll tal-laħam frisk tal-pollam u tal-għasafar tal-kaċċa minn dawk iż-żoni kkonċernati mit-tifqigħat reċenti jenħtieġ li jiġi sospiż sabiex jitħares l-istatus tas-saħħa tal-annimali tal-Unjoni.

(11) Barra minn hekk, ir-Renju Unit pprovda informazzjoni aġġornata lill-Kummissjoni b'rabta mas-sitwazzjoni epidemjoloġika fit-territorju tiegħu fir-rigward tal-HPAI li wasslet għas-sospensjoni tad-dħul fl-Unjoni ta' ċerti prodotti, kif stabbilit fl-Annessi V u XIV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/404.

(12) Fit-3 ta' Frar 2025 u fl-4 ta' Frar 2025, ir-Renju Unit ippreżenta informazzjoni aġġornata dwar is-sitwazzjoni tas-saħħa tal-annimali u l-miżuri li ħa b'rabta ma' żewġ tifqigħat tal-HPAI fil-pollam fil-kontea ta' Norfolk, li ġew ikkonfermati fis-17 ta' Diċembru 2024 u fl-24 ta' Diċembru 2024, rispettivament, permezz ta' analiżi tal-laboratorju (RT-PCR).

(13) Ir-Renju Unit informa lill-Kummissjoni li wara dawk it-tifqigħat tal-HPAI, implimenta politika ta' qerda biex jikkontrolla u jillimita t-tixrid ta' dik il-marda, kif ukoll lesta t-tindif u d-diżinfezzjoni meħtieġa wara l-implimentazzjoni tal-politika ta' qerda fl-istabbilimenti tal-pollam infettat.

(14) Il-Kummissjoni evalwat l-informazzjoni ppreżentata mir-Renju Unit, u jidhrilha li dan ipprovda garanziji xierqa li s-sitwazzjoni tas-saħħa tal-annimali li wasslet għas-sospensjoni tad-dħul ta' konsenji ta' ċerti prodotti fl-Unjoni miż-żoni kkonċernati, kif stabbilit fl-Annessi V u XIV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/404, ma għadhiex ta' theddida għas-saħħa tal-annimali jew għas-saħħa pubblika fl-Unjoni u li, għaldaqstant, jenħtieġ li jiġi awtorizzat mill-ġdid id-dħul fl-Unjoni ta' dawk il-konsenji miż-żoni kkonċernati tar-Renju Unit, li minnhom kien ġie sospiż id-dħul fl-Unjoni.

(15) Għalhekk, jenħtieġ li l-Annessi V u XIV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/404 jiġu emendati biex jitqiesu t-tifqigħat il-ġodda tal-HPAI fil-Kanada, fir-Renju Unit u fl-Istati Uniti, u t-tifqigħat riżolti tal-HPAI fir-Renju Unit.

(16) Barra minn hekk, ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2025/125 ([4]) emenda l-Annessi V u XIV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/404 sabiex, *inter alia*, jissospendi d-dħul fl-Unjoni ta' konsenji tal-pollam u tal-prodotti ġerminali tal-pollam, u tal-laħam frisk tal-pollam u tal-għasafar tal-kaċċa miż-żona US-2.798 fl-istat ta' Wisconsin fl-Istati Uniti b'rispons għal tifqigħa tal-HPAI. Fit-22 ta' Jannar 2025, l-awtorità kompetenti tal-Istati Uniti bagħtet talba lill-Kummissjoni biex temenda d-deskrizzjoni ta' dik iż-żona fl-entrata għall-Istati Uniti fil-Parti 2 tal-Anness V tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/404, minħabba li l-ortografija tal-kontea affettwata ma kinitx korretta. Għalhekk, jenħtieġ li d-deskrizzjoni taż-żona US-2.798 fl-entrata għall-Istati Uniti fil-Parti 2 tal-Anness V tiġi emendata skont dan.

(17) Filwaqt li jitqiesu t-tifqigħat il-ġodda tal-HPAI fil-Kanada, fir-Renju Unit u fl-Istati Uniti, u sabiex jiġi evitat tfixkil bla bżonn fil-kummerċ mar-Renju Unit, l-emendi li jridu jsiru fl-Annessi V u XIV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/404 permezz ta' dan ir-Regolament jenħtieġ li jsiru effettivi b'mod urġenti.

(18) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma f'konformità mal-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Emendi tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/404

L-Annessi V u XIV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/404 huma emendati f'konformità mal-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dħul fis-seħħ u applikabbiltà

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ l-għada tal-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, il-11 ta' Frar 2025.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN

([4]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2025/125 tal-20 ta' Jannar 2025 li jemenda l-Annessi V u XIV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/404 fir-rigward tal-entrati għall-Kanada, għar-Renju Unit u għall-Istati Uniti fil-listi tal-pajjiżi terzi, tat-territorji jew taż-żoni tagħhom awtorizzati għad-dħul fl-Unjoni ta' konsenji tal-pollam u tal-prodotti ġerminali tal-pollam, u tal-laħam frisk tal-pollam u tal-għasafar tal-kaċċa (ĠU L, 2025/125, 21.1.2025 ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2025/125/oj).

ANNESS

Emendi tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/404

L-Annessi V u XIV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/404 huma emendati kif ġej:

(1) L-Anness V huwa emendat kif ġej:

(a) fil-Parti 1, it-Taqsima B hija emendata kif ġej:

(i) fl-entrata għall-Kanada, ir-ringiela li ġejja għaż-żona CA-2.256 tiżdied wara r-ringiela għaż-żona CA-2.255

"CA Il-Kanada	CA-2.256	BPP, BPR, DOC, DOR, SP, SR, POU-LT20, HEP, HER, HE-LT20	N, P1		31.1.2025";	

(ii) fl-entrata għar-Renju Unit, ir-ringiela għaż-żona GB-2.337 hija sostitwita b'dan li ġej:

"GB Ir-Renju Unit	GB-2.337	BPP, BPR, DOC, DOR, SP, SR, POU-LT20, HEP, HER, HE-LT20	N, P1		17.12.2024	30.1.2025";

(iii) fl-entrata għar-Renju Unit, ir-ringiela għaż-żona GB-2.340 hija sostitwita b'dan li ġej:

"GB Ir-Renju Unit	GB-2.340	BPP, BPR, DOC, DOR, SP, SR, POU-LT20, HEP, HER, HE-LT20	N, P1		24.12.2024	27.1.2025";

(iv) fl-entrata għar-Renju Unit, ir-ringieli li ġejjin għaż-żoni GB-2.353 u GB-2.354 jiżdiedu wara r-ringiela għaż-żona GB-2.352:

"GB Ir-Renju Unit	GB-2.353	BPP, BPR, DOC, DOR, SP, SR, POU-LT20, HEP, HER, HE-LT20	N, P1		31.1.2025	
	GB-2.354		N, P1		5.2.2025";	

(v) fl-entrata għall-Istati Uniti, ir-ringieli li ġejjin għaż-żoni US-2.860 sa US-2.879 jiżdiedu wara r-ringiela għaż-żona US-2.859:

"US L-Istati Uniti	US-2.860	BPP, BPR, DOC, DOR, SP, SR, POU-LT20, HEP, HER, HE-LT20	N, P1		28.1.2025	
	US-2.861		N, P1		27.1.2025	
	US-2.862		N, P1		29.1.2025	
	US-2.863		N, P1		27.1.2025	
	US-2.864		N, P1		28.1.2025	
	US-2.865		N, P1		28.1.2025	
	US-2.866		N, P1		23.1.2025	
	US-2.867		N, P1		23.1.2025	

	US-2.868		N, P1		23.1.2025	
	US-2.869		N, P1		24.1.2025	
	US-2.870		N, P1		24.1.2025	
	US-2.871		N, P1		24.1.2025	
	US-2.872		N, P1		24.1.2025	
	US-2.873		N, P1		23.1.2025	
	US-2.874		N, P1		24.1.2025	
	US-2.875		N, P1		24.1.2025	
	US-2.876		N, P1		27.1.2025	
	US-2.877		N, P1		27.1.2025	
	US-2.878		N, P1		27.1.2025	
	US-2.879		N, P1		27.1.2025”;	

(b) il-Parti 2 hija emendata kif ġej:

(i) fl-entrata għall-Kanada, id-deskrizzjoni li ġejja taż-żona CA-2.256 tiżdied wara r-ringiela għaż-żona CA-2.255:

“Il-Kanada	CA-2.256	Quebec- Latitude 46.28, Longitude -73.51 The municipalities involved are: 3km PZ: Saint-Gabriel-de-Brandon and St-Jean-de-Matha 10km SZ: Saint-Cléophas-de-Brandon, Saint-Damien, Sainte-Béatrix, Sainte-Émélie-de-l'Énergie, Sainte-Mélanie, Saint-Félix-de-Valois, Saint-Gabriel, Saint-Gabriel-de-Brandon, Saint-Norbert, and St-Jean-de-Matha”;

(ii) fl-entrata għar-Renju Unit, id-deskrizzjonijiet li ġejjin taż-żoni GB-2.353 u GB-2.354 jiżdiedu wara d-deskrizzjoni taż-żona GB-2.352:

“Ir-Renju Unit	GB-2.353	near Loddon, South Norfolk, Norfolk, England, GB the area contained with a circle of a radius of 10 km, centred on WGS84 dec, coordinates Lat: N52.50 and Long: E1.53
	GB-2.354	near Market Weighton, East Riding of Yorkshire, Yorkshire, England, GB the area contained with a circle of a radius of 10 km, centred on WGS84 dec, coordinates Lat: N53.84 and Long: W0.70”;

(iii) fl-entrata għall-Istati Uniti, ir-ringiela għaż-żona US-2.798 hija sostitwita b'dan li ġej:

“L-Istati Uniti	US-2.798	State of Wisconsin Burnett 01 Burnett County: A circular zone of a 10 km radius starting with North point (GPS coordinates: 92.0723185°W 45.9267560°N)”;

(iv) fl-entrata għall-Istati Uniti, id-deskrizzjonijiet li ġejjin taż-żoni US-2.860 sa US-2.879 jiżdiedu wara d-deskrizzjoni taż-żona US-2.859:

"L-Istati Uniti	US-2.860	State of Pennsylvania Lehigh 07 Lehigh County: A circular zone of a 10 km radius starting with North point (GPS coordinates: 75.7088676°W 40.7393246°N)
	US-2.861	State of Arizona Pinal 02 Pinal County: A circular zone of a 10 km radius starting with North point (GPS coordinates: 111.9595682°W 33.0867618°N)
	US-2.862	State of California Madera 02 Madera County: A circular zone of a 10 km radius starting with North point (GPS coordinates: 120.1598750°W 37.2143866°N)
	US-2.863	State of Indiana Adams 01 Adams County: A circular zone of a 10 km radius starting with North point (GPS coordinates: 84.8072149°W 40.6798357°N)
	US-2.864	State of Indiana Jackson 01 Jackson County: A circular zone of a 10 km radius starting with North point (GPS coordinates: 85.9348582°W 39.0819297°N)
	US-2.865	State of Delaware Kent 06 Kent County: A circular zone of a 10 km radius starting with North point (GPS coordinates: 75.4408332°W 39.2611583°N)
	US-2.866	State of Ohio Mercer 04 Mercer County: A circular zone of a 10 km radius starting with North point (GPS coordinates: 84.7663638°W 40.4816238°N)
	US-2.8567	State of Ohio Mercer 05 Mercer County: A circular zone of a 10 km radius starting with North point (GPS coordinates: 84.7681340°W 40.4438746°N)
	US-2.868	State of Ohio Mercer 06 Mercer County: A circular zone of a 10 km radius starting with North point (GPS coordinates: 84.7577919°W 40.4857327°N)
	US-2.869	State of Ohio Mercer 07 Mercer County: A circular zone of a 10 km radius starting with North point (GPS coordinates: 84.7132254°W 40.4813974°N)
	US-2.870	State of Ohio Mercer 08 Mercer County: A circular zone of a 10 km radius starting with North point (GPS coordinates: 84.6874501°W 40.4911341°N)

	US-2.871	State of Ohio Mercer 09 Mercer County: A circular zone of a 10 km radius starting with North point (GPS coordinates: 84.6738100°W 40.5032122°N)
	US-2.872	State of Ohio Mercer 10 Mercer County: A circular zone of a 10 km radius starting with North point (GPS coordinates: 84.7250371°W 40.4977986°N)
	US-2.873	State of Ohio Darke 13 Darke County: A circular zone of a 10 km radius starting with North point (GPS coordinates: 84.7333712°W 40.4343406°N)
	US-2.874	State of Ohio Darke 15 Darke County: A circular zone of a 10 km radius starting with North point (GPS coordinates: 84.5913143°W 40.4061736°N)
	US-2.875	State of Ohio Darke 16 Darke County: A circular zone of a 10 km radius starting with North point (GPS coordinates: 84.7189877°W 40.4104992°N)
	US-2.876	State of Ohio Mercer 11 Mercer County: A circular zone of a 10 km radius starting with North point (GPS coordinates: 84.7792603°W 40.7672610°N)
	US-2.877	State of Ohio Mercer 12 Mercer County: A circular zone of a 10 km radius starting with North point (GPS coordinates: 84.7223038°W 40.4970683°N)
	US-2.878	State of Ohio Mercer 13 Mercer County: A circular zone of a 10 km radius starting with North point (GPS coordinates: 84.6574480°W 40.4603309°N)
	US-2.879	State of Ohio Mercer 14 Mercer County: A circular zone of a 10 km radius starting with North point (GPS coordinates: 84.7037015°W 40.4887561°N)’;

(2) fl-Anness XIV, fil-Parti 1, it-Taqsima B hija emendata kif ġej:

(a) fl-entrata għall-Kanada, ir-ringieli li ġejjin għaż-żona CA-2.256 jiżdiedu wara r-ringieli għaż-żona CA-2.255:

“CA Il-Kanada	CA-2.256	POU, RAT	N, P1		31.1.2025”	

(b) fl-entrata għar-Renju Unit, ir-ringieli għaż-żona GB-2.337 huma sostitwiti b'dan li ġej:

"GB Ir-Renju Unit	GB-2.337	POU, RAT	N, P1		17.12.2024	30.1.2025
		GBM	P1		17.12.2024	30.1.2025";

(c) fl-entrata għar-Renju Unit, ir-ringieli għaż-żona GB-2.340 huma sostitwiti b'dan li ġej:

"GB Ir-Renju Unit	GB-2.340	POU, RAT	N, P1		24.12.2024	27.1.2025
		GBM	P1		24.12.2024	27.1.2025";

(d) fl-entrata għar-Renju Unit, ir-ringieli li ġejjin għaż-żoni GB-2.353 u GB-2.354 jiżdiedu wara r-ringieli għaż-żona GB-2.352:

"GB Ir-Renju Unit	GB-2.353	POU, RAT	N, P1		31.1.2025	
		GBM	P1		31.1.2025	
	GB-2.354	POU, RAT	N, P1		5.2.2025	
		GBM	P1		5.2.2025";	

(e) fl-entrata għall-Istati Uniti, ir-ringieli li ġejjin għaż-żoni US-2.860 sa US-2.879 jiżdiedu wara r-ringieli għaż-żona US-2.859:

"US L-Istati Uniti	US-2.860	POU, RAT	N, P1		28.1.2025	
		GBM	P1		27.1.2025	
	US-2.861	POU, RAT	N, P1		27.1.2025	
		GBM	P1		29.1.2025	
	US-2.862	POU, RAT	N, P1		29.1.2025	
		GBM	P1		29.1.2025	
	US-2.863	POU, RAT	N, P1		27.1.2025	
		GBM	P1		27.1.2025	
	US-2.864	POU, RAT	N, P1		28.1.2025	
		GBM	P1		28.1.2025	
	US-2.865	POU, RAT	N, P1		28.1.2025	
		GBM	P1		28.1.2025	
	US-2.866	POU, RAT	N, P1		23.1.2025	
		GBM	P1		23.1.2025	
	US-2.867	POU, RAT	N, P1		23.1.2025	
		GBM	P1		23.1.2025	
	US-2.868	POU, RAT	N, P1		23.1.2025	
		GBM	P1		23.1.2025	

	US-2.869	POU, RAT	N, P1		24.1.2025	
		GBM	P1		24.1.2025	
	US-2.870	POU, RAT	N, P1		24.1.2025	
		GBM	P1		24.1.2025	
	US-2.871	POU, RAT	N, P1		24.1.2025	
		GBM	P1		24.1.2025	
	US-2.872	POU, RAT	N, P1		24.1.2025	
		GBM	P1		24.1.2025	
	US-2.873	POU, RAT	N, P1		23.1.2025	
		GBM	P1		23.1.2025	
	US-2.874	POU, RAT	N, P1		24.1.2025	
		GBM	P1		24.1.2025	
	US-2.875	POU, RAT	N, P1		24.1.2025	
		GBM	P1		24.1.2025	
	US-2.876	POU, RAT	N, P1		27.1.2025	
		GBM	P1		27.1.2025	
	US-2.877	POU, RAT	N, P1		27.1.2025	
		GBM	P1		27.1.2025	
	US-2.878	POU, RAT	N, P1		27.1.2025	
		GBM	P1		27.1.2025	
	US-2.879	POU, RAT	N, P1		27.1.2025	
		GBM	P1		27.1.2025”.	